IR-RABAT

**KUNSILL LOKALI IR-RABAT**
**IS-SEBA' LEĠIŻLATURA**
**MINUTI TAL-LAQGĦA NUMRU G 36**

* **Il-Kunsill iltaqa` nhar** Data u ħin
**It-Tlieta 17 ta' Frar 2015 fis-7.00 pm**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8, Triq l-Isptar, Ir-Rabat**

** **Preżenti għal-Laqgħa:** Attendenza

| | |
|---|---|
| Is-Sur Charles Azzopardi | Sindku |
| Is-Sra Doris Coleiro | Viċi Sindku |
| Is-Sur Nazju Cassar | Kunsillier |
| Is-Sur Peter Paul Azzopardi | Kunsillier |
| Is-Sur Paul Grech | Kunsillier |
| Is-Sur Ian Vassallo | Kunsillier |
| Is-Sur Stephen Borg | Kunsillier |
| Is-Sur Rudolf Grima | Kunsillier |
| Is-Sra Orietta Masini Cardona | Segretarju Eżekuttiv |

**Skużati:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Andrew Mallia | Kunsillier |
| Is-Sur Luke Vella | Ambaxxatur |

**0.01** **Is-Sindku ppropona li jkun hemm bdil fl-ordni tal-aġenda billi jiġu diskussi issa *items* nru 4 u 5 tal-aġenda. Dan sabiex l-*accountant* tal-Kunsill ikun jista' jagħti rendikont finanzjaru u spjegazzjoni tal-budget. Il-Kunsill qabel.**

**4.00** ***Quarterly Financial Statements* (Ottubru- Diċembru)**

4.01 Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv ippreżentaw il-*Quarterly Financial Statements* għall-perjodu ta' Ottubru– Diċembru 2014. *Quarterly Financial Statements* (Ottubru-Diċembru)

Il-Kunsill innota li għal dan il-kwart kien hemm indikatur negattiv ta' -21.91% filwaqt li l-indikatur annwali kien 10.77%. Ġie nnotat ukoll li nqabeż il-*budget* fin-nefqiet relatati ma' *Public Property, Office Services, Hire of Transport, Lease of Equipment, Refuse Collection, Road Street Cleaning* u *Cleaning of Non Urban roads.*

Is-Sindku ppropona li l-*Quarterly Report* jiġi approvat hekk kif ippreżentat. Issekondata din il-proposta l-Kunsillier Paul Grech. Il-Kunsill qabel unanimament. Kopja ta' dan il-*Quarterly Report* tinsab annessa ma' dawn il-minuti.

## 5.00 Approvazzjoni tal-Budget 2015

5.01 Qabel ma bdiet id-diskussjoni dwar dan l-*item* il-Kunsill ikkonsidra xi zviluppi li seħħew dwar xogħolijiet jew servizzi. Servizz tat-transport għar-*Rabat Ajax Nursery.*

Il-Kunsill kien magħraf li d-Dipartiment għall-Gvern Lokali ma sabx oġġezzjoni li l-Kunsill ikompli iħallas s-servizz tat-transport għar-*Rabat Ajax Nursery* sakemm din l-ispiża tkun nkluża fl-Estimi Annwali tal-Kunsill, liema Estimi Annwali għandhom juru li l-Kunsill qiegħed jieħu ħsieb li jeliminha l-iżbilanċ finazjarju.

** Il-Kunsillier Ian Vassallo daħal għal-laqgħa fis-8.00 ta' filgħaxija

5.01.1 Il-Kunsill kien magħraf li d-Dipartiment għall-Gvern Lokali ma sabx oġġezzjoni li l-Kunsill iħallas għas-sevizz tad-*drainage house connections* u kwalunkwe ħlas iehor, sakemm dawn l-ispejjeż ikunu ġew inklużi fl-Estimi Annwali tal-Kunsill, liema Estimi Annwali għandhom juru li l-Kunsill qiegħed jieħu ħsieb li jeliminha l-iżbilanċ finazjarju. Xogħolijiet ta' *drainage household connections* fi Triq Santa Rita

Is-Sindku ppropona li x-xogħolijiet ta' *drainage household connections* fi Triq Santa Rita issiru mill-fondi tal-Kunsill. Hu qal li b'kollox hemm sitt residenzi/stabiliment kummercjali li qegħdin imqabdin mal-fossa u li l-ispiża għal dan ix-xogħolijiet hija ta' €767.00 għal kull residenza/ stabiliment kummercjali. Il-Kunsillier Rudolf Grima issuggerixxa li sabiex ma jinħoloqx precedent għall-futur il-kontijiet jiġu mibgħuta lir-residenti. Is-Sindku kompla jghid "sabiex ma jieqafx il-proġett dawn jitħallsu mill-Kunsill imbagħad wara naraw il-ligi xi tgħid" L-Kunsillier Peter Paul Azzopardi issekonda l-proposta tas-Sindku. Il-Kunsill qabel unanimamnet.

5.01.2 Is-Sindku ppropona li issir l-manutenzjoni tal-latrina pubblika fi Triq il-Kullegg billi jigi mixtri l-materjal necessarju u issiru ix-xogholijiet kollha mill-*handyman* tal-Kunsill mingħajr spejjes u ħlasijiet oħra. Issekonda din il-proposta il-Kunsillier Peter Paul Azzopardi. Il-Kunsill qabel unanimament. Manutenzjoni tal-latrina pubblika fi Triq il-Kullegg

5.01.3 Saret diskussjoni mill-Kunsill flimkien mal-*accountant* u kien hemm qbil li jsiru xi aggustamenti biex jagħmlu tajjeb għall-proposti t'hawn fuq. Approvazzjoni tal-Budget 2015

Is-Sindku ppropona li l-Estimi Annwali 2015 jiġu approvat hekk kif emendat. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Nazju Cassar. Il-Kunsill qabel unanimamnet.

5.02 Il-Kunsill qabel li jkompli bl-ordni tal-aġenda.

## 1.00 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru G 32

1.01 Il-minuti tas-seduta numru G32 ġew meħuda bħala moqrija u approvati unanimament mingħajr ebda emenda u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv. Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru G 32

**2.00 Punti li joħorġu mill-Minuti G 32** — Punti li joħorġu mill-Minuti G 32

2.01 12.01 Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat l-laqgħa li l-Kunsill ma kelli l-ebda ftehim mal-kuntrattur Richard Cauchi għaldaqstant tali xogħolijiet jistgħu issiru mill-kuntrattur tal-Kunsill Mica Med Ltd. Hija qalet li giet infurmata mill-kuntrattur li l-qtugħ fid-dawl qiegħed ikun kawża ta' ħsart fis-sistema tal-elettriku meta tagħmel ix-xita u konsegwenża ta' dan tfaqa is-salvavita. Hija nfurmat il-laqgħa li is-salvavita ta' dawn il-fanali qegħda l-fuq għassa tal-pulizija. — Dwal maqtugħ fil-Pjazza ta' San Pawl

2.02 12.05 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-laqgħa mas-Segretarju Parlamentari l-Onor. Justyne Caruana kienet saret u li kienu ser issiru aktar diskussjonijiet dwar it-talba tal-Kunsill. — Talba għal-laqgħa mas-Segretarju Parlamentari l-Onor Justyne Caruana

**3.00 Komunikazzjoni mis-Sindku inkluż korrispondenza**

3.01 Is-Sindku nforma il-laqgħa li l-Awtoritá tad-Djar kienet reġat ħarġet l-iskema għall-manutenzjoni tal-komun fil-binijiet tal-gvern u ser talloka il-Kunsill Lokali tar-Rabat s-somma ta' €30,000 ghas-sena 2015. Hu qal li fil-granet li gejjien ser ikun qed izur il-blokok u jiddentifika dawk li għandhom bzonn manutenzjoni, sabiex fis-seduta tal-Kunsill li jmiss issir l-għazla tas-6 blokki li ser jipartecipaw fl-iskema. — Skema għall-Manutenzjoni tal-Komun fil-Binijiet tal-Gvern

**6.00 Awtorizzazzjoni tal-Ħlasijiet**

6.01 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li kien reġa wasal iż-żmien biex il-Kunsill iġedded l-iskema tas-saħħa għall-impjegati u għall-membri tal-Kunsill għas-sena 2015. Il-*premium* għal kull persuna inxurjata huwa ta' €55. Is-Sindku ppropona li l-polza tiġi mġedda. Il-Viċi Sindku Doris Coleiro ssekondat din l-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament. — Tiġdid tal-iskema tas-saħħa 2015

6.02 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li kien reġa' wasal iż-żmien biex il-Kunsill iġedded il-polza tal-assikurazzjoni tal-flus għas-sena 2015. Il-*premium* huwa ta' €63. Is-Sindku ppropona li l-polza tiġi mġedda. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Paul Grech. Il-Kunsill qabel unanimament. — Tiġdid tal-polza tal-assikurazzjoni tal-flus 2015

6.03 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li kien reġa' wasal iż-żmien biex il-Kunsill iħallas il-miżata tal-*Performing Right Society* għas-sena 2015. Il-ħlas huwa ta' €20. Is-Sindku ppropona li l-miżata titħallas għal sena oħra. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Ian Vassallo. Il-Kunsill qabel unanimament. — Ħlas tal-*Performing Right Society*

6.04 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li l-Kunsill kellu b'lura żewg miżati tad-*Data Protection Act* għal perjodu Lulju 2013 – Lulju 2014 u Lulju 2014 – Lulju 2015. Il-ħlas huwa ta' €23.29 kull sena. Is-Sindku ppropona li l-miżati jitħallsu . Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Nazju Cassar. Il-Kunsill qabel unanimament — Ħlas tad-*Data Protection Act*

6.05 Is-Sindku Charles Azzopardi ppropona li l-iskeda tal-ħlasijiet numru 243 tiġi approvata. Issekondaw din il-proposta l-Kunsillier Nazju Cassar u l-Kunsillier Stephen Borg. Il-Kunsill qabel unanimament.

L-iskeda tal-ħlasijiet numru 243

**7.00 Proċess tal-għażla għall-impjegata fi skala 15**

7.01 Is-Sindku Charles Azzopardi ppreżenta r-rapport tal-Bord tal-Għażla għall-impjegat/a fi skala 15.

Proċess tal-għażla għall-impjegata fi skala 15

Il-Kunsillier Nazju Cassar ippropona li tingħażel is-Sinjorina Brendaline Fenech, hekk kif ġie rakkomandat mill-Bord tal-Għażla. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Rudolf Grima. Il-Kunsill qabel unanimament

** **F'dan l-istadju tal-laqgħa, il-Kunsill qabel li jirrisolvi fi stadju ta' Bord tal-Aġġudikazzjoni tal-Offerti (hekk kif maħtur f'seduta G02), wara diversi tentattivi sabiex dan il-Bord jiltaqa' ma mmaterjalizzawx.**

Il-Bord evalwa l-offerti mitfugħa għall-Xogħol ta' Manutenzjoni fuq is-Sinjali tat-Toroq u t-Tabelli tat-Traffiku (RLC/T/142/14).

Intefgħu żewġ offerti hekk kif ġej:

| | **Isem** | **Rata** |
|---|---|---|
| 1 | Frankie Grech | Total tal-iskeda tar-rati tammonta għal €2,191.60 |
| 2 | Koperattiva Tabelli u Sinjali tat-Traffiku | Total tal-iskeda tar-rati tammonta għal €1,700.56 |

Il-Bord evalwa l-offerti mitfugħa u qabel li jirrakkomanda l-offerta tal-Koperattiva Tabelli u Sinjali tat-Traffiku peress li għandha l-irħas rati mitfugħa.

**F'dan il-ħin intemmet il-ħidma tal-Bord u għaldaqstant is-seduta rritornat fi stadju ta' Kunsill u kompliet b'*item* nru 8 tal-aġenda.**

**8.00 Għażla tal-offerta għall-Xogħol ta' Manutenzjoni fuq is-Sinjali tat-Toroq u t-Tabelli tat-Traffiku – RLC/T/142/14**

8.01 Il-Viċi Sindku Doris Coleiro ppproponiet li wara li l-Kunsill ra l-opinjoni tal-bord, jaġġudika l-offerta għall-Xogħol ta' Manutenzjoni fuq is-Sinjali tat-Toroq u t-Tabelli tat-Traffiku, lill-offerent Koperattiva Tabelli u Sinjali tat-Traffiku peress li ghandha l-irħas rati mitfugħa. Issekonda din il-mozzjoni l-Kunsillier Ian Vassallo. Il-Kunsill qabel unanimament.

Għażla tal-offerta għall-Xogħol ta' Manutenzjoni fuq is-Sinjali tat-Toroq u t-Tabelli tat-Traffiku – RLC/T/142/14

**9.00 Tiġdid tal-offerta għall-kostruzzjoni ta' bankini - RLC/T/126/13**

9.01 Is-Sindku Charles Azzopardi ppropona li l-kuntratt RLC/T/126/13, għall-kostruzzjoni ta' bankini jiġi mġedded għal-sena oħra. Il-Kunsillier Paul Grech issekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimamnet.

Tiġdid tal-offerta għall-kostruzzjoni ta' bankini - RLC/T/126/13

**10.00 Tiġdid tal-offerta għall-servizz ta' *Contracts Manager* – RLC/T/131/13**

10.01 Is-Sindku Charles Azzopardi ppropona li l-kuntratt RLC/T/131/13 għas-servizz ta' *contracts manager* ma jiġiex imġedded għal sena oħra. Huwa informa lil Kunsill li hu kien sejjer jidħol responsabbli għax-xogħolijiet li kienu jiġu inwettqa mill-*contracts manager*, inkluz ic-certifikazzjoni tal-kontijiet kollha li kienu jaqgħu taħt dan il-kuntratt. Huwa kompla billi qal li dan qed jagħmlu sabiex inaqqas mill-ispejjez tal-Kunsill.

Tiġdid tal-offerta għall-servizz ta' *Contracts Manager* – RLC/T/131/13

Issekonda din il-proposta il-Kunsillier Peter Paul Azzopardi. Intalba li jittieħed vot fuq din il-proposta. Il-vot għadha b'erba voti favur, tnejn kontra u żewġ astenzjonijiet. Fuq talba li saret il-voti kienu kif gej:

Voti Favur: Is-Sindku Charles Azzopardi, Vici Sindku Doris Coleiro, Il-Kunsillier Paul Grech u l-Kunsillier Peter Paul Azzopardi.

Voti Kontra: Il-Kunsillier Nazju Cassar u l-Kunsillier Rudolf Grima.

Astenzjonijiet: Il-Kunsillier Ian Vassallo u l-Kunsillier Stephen Borg

**11.00 Tiġdid tal-kwotazzjoni għal Żbir ta' Siġar – RLC/Q/0084/13**

11.01 Is-Sindku Charles Azzopardi ppropona li l-kuntratt RLC/Q/0084/13, għal zbir ta' siġar jiġi mġedded għal-sena oħra. Il-Kunsillier Peter Paul Azzopardi ssekonda din l-proposta. Il-Kunsill qabel unanimamnet.

Tiġdid tal-kwotazzjoni għal Żbir ta' Siġar – RLC/Q/0084/13

**12.00 Tiġdid tal-kwotazzjoni għall-pubblikazzjoni tal-fuljett tal-Kunsill 'Ir-Rabta' - RLC/Q/0085/13**

12.01 Is-Sindku Charles Azzopardi ppropona li l-kuntratt RLC/Q/0085/13, għall-pubblikazzjoni tal-fuljett tal-Kunsill 'Ir-Rabta' jiġi mġedded għal-sena oħra. Il-Viċi Sindku Doris Coleiro ssekondat din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimamnet.

Tiġdid tal-kwotazzjoni għall-pubblikazzjoni tal-fuljett tal-Kunsill 'Ir-Rabta' - RLC/Q/0085/13

** Il-Kunsillier Paul Grech u l-Kunsillier Rudolf Grima talbu li jiġu skużati fid-9.12 ta' filgħaxija

**13.00 Korrispondenza**

13.01 Is-Sindku ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill Memo 4/2015 – Kumitat tal-Finanzi.

Memo 4/2015 – Kumitat tal-Finanzi.

Wara l-Kunsill ikkonsidra din l-Memo s-Sindku ppropona li jiġi maħtur l-kumitat tal-Finanzi li jkun kompost kif ġej:

Is-Sindku Charles Azzopardi
Il-Kunsillier Peter Paul Azzopardi
Is-Segretarju Eżekuttiv is-Sra Orietta Masini Cardona
L-*accountant* tal-Kunsill is-Sur Paul Bugeja

13.02 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/108/15**, is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li l-Ministru kien laqa' r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill biex il-post tal-Kunsillier Paul Grech ma jiġix dikjarat vakanti. — Attendenza tal-Kunsillieri

**14.01 Minuti Kumitat Amministrattiv tal-Virtù – Seduta numru B06**

14.02 Il-Kunsillier Stephen Borg ppropona li l-minuti tal-Kumitat Amministrattiv tal-Virtù B06 jittieħdu bħala moqrija. Il-Kunsillier Ian Vassallo ssekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel. Kopja tal-imsemmija minuti tinsab annessa ma' dawn il-minuti. — Minuti KA Virtù B06

**15.00 Materji Oħra**

15.01 Il-Kunsillier Ian Vassallo prezenta fuq il-mejda tal-Kunsill *site plan* li tindika tibdil temporanju fid-direzzjoni tat-traffiku ta' Triq iz-Zahar sakemm jitlestew ix-xogħlijiet fi Triq Vjal il-Ħaddiem. Huwa ppropona li issir talba lil TM sabiex issir din il-bidla temporanja fid-direzzjoni tat-traffiku. Issekonda din il-proposta il-Kunsillier Stephen Borg. Il-Kunsill qabel unanimament. — Tibdil temporanju fid-direzzjoni tat-traffiku ta' Triq iż-Żahar

15.02 Kien miġjub għall-attenzjoni tal-Kunsill il-ħtiega li jkun maħtur konsulent dwar l-aggudikazzjoni tal-offerta tal-ġbir tal-iskart domestiku. Is-Sindku ssugerixxa li jiġi mistoqsi s-Sur A. Mifsud jekk jistax jaġixxi f'dan ir-rwol. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Ian Vassallo. Il-Kunsill qabel unanimamnet. — Ħatra ta' konsulent

15.03 Il-Kunsillier Ian Vassallo talab li jsir *refresh* tas-sinjali tat-traffiku fi Triq Gorg Borg Olivier k/m Triq Ħal Tartarni. — *Refresh* sinjali tat-traffiku fi Triq Borg Olivier k/m Triq Ħal Tartarni

** Is-Sindku Charles Azzopardi talb li jiġi skużat fid-9.20 ta' filgħaxija

**Fin-nuqqas tas-Sindku kompliet tippresedi l-laqgħa l-Vici Sindku Doris Coleiro**

**16.00 Data tas-seduta li jmiss**

16.01 Il-Kunsill qabel li l-laqgħa tal-Kunsill li jmiss għandha ssir nhar it-Tlieta 24 ta' Marzu 2015 fis-7.00 ta' filgħaxija. — Data tas-seduta li jmiss

16.02 Il-laqgħa ntemmet fid-9.28 ta' filgħaxija.

Minuti approvati llum it-Tlieta 24 ta' Marzu 2015

**Charles Azzopardi**
**Sindku**

**Orietta Masini Cardona**
**Segretarju Eżekuttiv**